MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 25

L-ERBGĦA 21 TA' LULJU 2010 FIT-3.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 23 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti tal-Aġġornament tas-Seduta 23 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

iii Il-minuti tas-Seduta 24 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI MILL- MINUTI

i Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Awtorita' tad-Djar għadhom ma ħarġux il-permess biex jitwaħħlu l-photovoltaic panels fuq il-Blokk E1. Is-Sindku nfurmat li hi kellha laqgħa oħra mal-Avukat dwar dan u anke sar appuntament man-Nutar biex tiġi diskussa din il-materja.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li ma kien hemm l-ebda risposta mill-Kunsill ta' Dartmouth dwar il-possibilta' ta' ġemellaġġ ma din il-Lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li Mjr. Trevor Robotham jagħmel kuntatt ma Kunsill ieħor mill-lista li kienet intbgħatet lill-Kunsill.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli…)

iii Is-Sindku nfurmat li l-bins inxtraw u diġa' tpoġġew fix-Xatt. Hija rrappurtat ukoll li saret talba lid-Dipartiment ta' l-Ambjent biex jiżdiedu l-bins ta' fuq il-beach.

iv Is-Sindku rrappurtat dwar l-attivita' kulturali bejn Ta' Xbiex u Ilioupoli. Hija qalet li l-Griegi jistgħu jibgħatu grupp ta' 30 żeffiena u żewġ uffiċċjali mill-Kunsill bejn l-24 u t-28 ta' Settembru. Hija qalet ukoll li l-programm approvat mill-EU huwa mifrux fuq ġimgħa u jinvolvi wkoll pitturi u mużiċisti kif ukoll persuni li se jipparteċipaw fil-workshops u laqgħat b'temi diversi. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li l-iskop tal-proġett mhux se jiġi milħuq. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament li l-program jiġi kkanċellat.

v Is-Sindku ppreżentat l-iskeda tal-knis tat-toroq u din ġiet diskussa mill-Kunsill. Saru diversi lmenti dwar nuqqasijiet fis-servizz kif ukoll nuqqasijiet oħra fis-servizz tal-manutenzjoni tas-soft areas. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem lill-Kuntratturi dwar dan.

vi Dwar il-laqgħa li l-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li ssir mal-GreenMT is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija għamlet talba bil-miktub pero' s'issa għad m'hemm l-ebda risposta.

vii Dwar ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill li jsiru Pelican Lights fi Triq A. Rigord is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit għamel l-emendi neċessarji fl-applikazzjoni u din diġa' ntbgħatet lill-ADT. Is-Sindku qalet li l-Perit ippropona li ssir zebra crossing fit-tarf ta' Triq l-Imradd fejn din tiġi kantuniera ma Triq A. Rigord peress li din it-Triq se ssir one way. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-Kunsill għadu ma approvax it-traffic management plan li ħejja l-Perit għal Triq il-Prinċipessa Margherita. Ġie deċiż li ssir laqgħa ad hoc dwar din il-materja.

Antoinette Vassallo Marisa Pisani
Sindku Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli...)

viii Is-Sindku nfurmat li l-Kumitat Konġunt għadda pagament ieħor lill-Kunsilli rispettivi. Hija qalet ukoll li għalissa dan għadu qed jopera kif kien qabel.

ix Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bankijiet kollha li hemm fix-Xatt inżebgħu mill-ħaddiema tal-IPSL. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xi wħud minn dawn il-bankijiet għandhom bżonn jinbidlilhom l-injam u dan ix-xogħol se jsir ukoll mill-istess ħaddiema.

x **is-Sindku fakkret li nhar il-Ħamis 27 ta' Lulju 2010 se ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-pubbliku dwar** il-**proġett ta' l-istorm water. Hija qalet li l-post u l-ħin jiġu kkonfermati iktar tard.**

xi Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-Transport Malta għadhom qed jinsistu li l-loading/unloading bay fi Triq Abate Rigord għandha titneħħa peress li m'hemmx approvazzjoni għaliha kif ukoll peress li f'din iż-żona m'hemmx biżżejjed ħwienet.

xii Is-Sindku qrat l-ittra tat-Transport Malta dwar l-istanding point għas-sightseeing buses. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u baqa' konsistenti mad-deċiżjoni oriġinali li din issir fil-marina. Il-Kunsill qabel li din għandha tkun twila daqs 4 karozzi biex ma jintilifx ħafna post tal-ipparkjar u jkollha wkoll ħinijiet speċifiċi. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tagħmel site visit mal-uffiċjal inkarigat is-Sur V. Pule'.

xiii Dwar l-iżball fl-invoices tal-Kuntrattur Twish is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Avukat infurmana bil-miktub li peress li l-ammont joħroġ minn kuntratt il-Kunsill huwa obbligat iħallsu.

xiv Is-Sindku rreferiet għar-rapport dwar is-sustainable energy u qalet li kopja tiegħu intbgħatet Brussels.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Il-Kunsill approva x-xiri ta' żewġt ibnadar mingħand il-UV Print għal prezz ta' Euro88. Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri ta' generator għal prezz ta' Euro230.

ii Is-Sindku nfurmat li l-One Way System ġiet approvata. Hija qalet li l-Kunsill irid jimplimenta din is-sistema sa l-aħħar ta' Settembru. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li l-Kunsill kellu jagħmel konsultazzjoni pubblika dwar din il-materja. Il-Kunsill approva wkoll l-ispiża tax-xogħlijiet kollha neċessarji.

iii Is-Sindku rreferiet għall-proġett tar-roundabout. Hija qalet li kien hemm xi dislivelli fit-triq li se jinvolvu spiża addizzjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija talbet lill-Perit biex jagħmel stima ta' l-ispejjes imsemmija.

iv Is-Sindku rrappurtat li kellha laqgħa mal-President tar-Royal Malta Yacht Club. Hija qalet li dan ingħata l-invoice ta' l-ispejjeż dovuti lill-Kunsill in konnessjoni mat-tqegħid ta' containers fil-Marina.

**Il-laqgħa ġiet sospiża biex il-Kunsill iltaqa' mal-Accountant P. Mangion biex jiddiskuti l-Ittra ta' Direzzjoni kif ukoll is-sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill.**

**Il-Laqgħa spiċċat fis-6.30pm. u sar aġġornament għal nhar il-Ġimgħa 27 ta' Awissu 2010 fl-4.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv